# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 15 ta' Dicembru 2023**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Anna Marie Micallef)**

**vs**

**Anthony Abela**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Anthony Abela ta' 37 sena, bin John u Anna nee' Zammit, mwieled Pieta' fis-7 ta' Jannar 1971, u residenti 46, Triq San Pietru, Qormi, detentur ta' karta tal-Identita numru 09171(M)

Akkuzat illi b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, talli:

1. Bejn il-lejl tal-20 ta' Frar 2008 u l-21 ta' Frar 2008, ghall-habta ta' nofs il-lejl, minn gewwa Triq il-Kaccatur, Qormi, ikkommetta serq ta' vettura tal-

ghamla Hillman minghajr numru ta' registrazzjoni a detriment ta' Michael Casha mill-Mosta u/jew persuni ohra liema serq hu kkwalifikat bil-hin, il-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa.

2. U aktar talli bejn il-gurnata tas-27 ta' Frar 2008 ghall-habta tas-sebgha neqsin kwart ta' filghodu u t-28 ta' Frar 2008, ghall-habta tas-sitta u kwart ta' filghodu minn gewwa Sqaq Sannat, Marsa, ikkommetta serq ta' vettura tal-ghamla Fiesta bin-numru ta' registrazjoni HAC785 a detriment ta' Guido Micallef mir-Rabat u/jew persuni ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-hin, bil-valur li jeccedi l-ammont ta' €233 (Mitt lira Maltin) izda inqas minn €2330 (Elf lira Maltin), bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa

3. U aktar talli fit-22 t'April 2008, ghall-habta tat-tlieta ta' filghodu kkommetta serq ta' diversi oggetti, ghad-detriment ta' Martin Debattista minn tas-Sliema, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-ammont ta' €233 (mitt lira Maltin) izda inqas minn €2330 (elf lira Maltin)

4. U aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli meta ghamel hsara fuq il-bieb tal-Blue Cross Clinic sitwat fi Triq il-Wied, B'Kara, ghad-dannu ta' Martin Debattista minn tas-Sliema liema hsara ma tiskorrrix l-elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69) imma izjed minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47)

5. u aktar talli fit-18 ta' Frar 2008, ghall-habta tat-tlieta ta' filghodu minn gewwa Triq id-Dar tal-Kleru, Birkirkrara u minn inhawi ohra f'dawn il-gzejjer, ikkommetta serq ta' oggetti (tmien cilindri tal-gass), a detriment ta' Mary Anne Zammit minn B'Kara u/jew persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin u bil-lok;

6. u aktar talli nhar il-21 ta' Frar 2008 ghall-habta tad-disgha ta' filghaxija fil-limiti tal-Handaq, ikkommeta serq ta' pjanci ta' vettura bin-numru tar-registrazzjoni IAJ447 a detriment ta' Godfrey Grima minn Santa Venera

u/jew persuni ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa

7. u aktar talli fit-22 ta' Frar 2008, ghall-habta tad-disgha ta' filghaxija, f'dawn il-gzejjer, u fil-granet ta' qabel, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta' taghrif falz u cioe billi ghamel uzu minn numru ta' regisitrazzjoni IAJ 447 fuq vettura tal-ghamla Hillman li n-numru tar-registgrazzjoni originali taghha kienu BBD026.

8. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat u cioe billi ghamel uzu minn numru tar-registrazzjoni IAJ 447 fuq vettura tal-ghamla Hillman li n-numru tar-registrazzjoni originali taghha kienu BBD026

9. u aktar talli f' Malta xjentament laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew xjentament b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhhom jew imexxihom

10. U aktar talli nhar it-22 ta' Frar 2008, ghall-habta tad-disgha ta' filghaxija, fi Triq Cameron, Gzira, saq vettura tal-ghamla Hillman bin-numri tar-registrazzjoni IAJ447, minghajr ma kienet licenzjata mill-Awtorita dwar it-Transport ta' Malta biex tintuza fi triq

11. Aktar talli fit-22 ta' Frar 2008, ghall-habta tad-disgha ta' filghaxija, fi Triq Cameron, Gzira, saq vettura tal-ghamla Hillman bin-numru tar-registrazzjoni IAJ 447, minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita dwar it-Transport ta' Malta jew minghajr licenzja specifikata u b'hekk ma kienx kopert b'polza tas-sigurta dwar r-riskju ta' terzi persuni

12. Akkuzat aktar talli fil-5 ta' Marzu 2008, f'dawn il-gzejjer naqas milli jhares xi kundizzjoni imposta fuqu kif provdut fl-Artikolu 355AL tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Il-Qorti giet mitluba sabiex tittratta mal-imputat li huwa ricediv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati Maltin, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula

2. Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali bis-sahha ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali, sabiex dan il-kaz jigi ttrattat bil-procedura sommarja, u li rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

3. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

4. Rat li fis-seduta tal-24 ta' Jannar 2011 quddiem din il-Qorti diversament preseduta, l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha dedotta kontra tieghu.

5. Rat li b'sentenza tal-1 ta' Marzu 2011 din il-Qorti diversament preseduta, sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu, hlief dik tar-ricettazzjoni li hija irriteniet li hija alternattiva ghal dik tas-serq, u ikkundannat lill-imputat ghal sitt (6) xhur prigunerija.

6. Rat li l-Avukat Generali ipprezenta appell minn din is-sentenza fis-17 ta' Marzu 2011, li permezz tieghu talab lill-Qorti tal-Appell Kriminali tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi ikkonfermaha fejn sabet lill-appellat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, filwaqt li tirrevokaha u thassarha f'dik il-parti fejn infliggiet piena ta' sitt xhur prigunerija effettivi u minflok tinfliggi l-piena kontra tieghu skond il-ligi.

7. Rat is-sentenza tas-26 t'Ottubru 2011 li permezz taghha l-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) annullat is-sentenza appellata, ghar-ragunijiet fiha premessi, u ordnat lir-Registratur sabiex minnufih jibghat l-atti lura lil din il-Qorti sabiex din il-Qorti tiddeciedi l-kaz skond il-ligi. Dik il-Qorti ordnat li l-

appellat ghandu jitqieghed fl-istess pozizzjoni li kien wara li rregistra l-ammissjoni tieghu.

8. Semghet ix-xhieda tal-Ufficjal tal-Probation Matthew Fleri Soler, u rat il-*pre-sentencing report* minnu ezebit.

9. Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

10. Qabel tghaddi ghal konsiderazzjonijiet taghha, din il-Qorti tixtieq tippreciza li wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, l-atti gew rinvijati lura lil din il-Qorti diversament preseduta. Peress li ghal diversi seduti ma sar xejn ghal raguni jew ohra f'dawn il-proceduri, fis-seduta tal-25 ta' Marzu 2014 din il-Qorti diversament preseduta iddifferiet il-kawza *sine die.*

11. B'rikors tal-15 t'April 2021, l-Ufficjal Prosekutur talbet lil din il-Qorti kif preseduta – li lilha kienet giet assenjata l-kawza fil-fratemp – sabiex tirriappunta l-kawza sabiex tkun tista' titkompla. Din il-Qorti laqghet it-talba b'digriet tad-29 ta' Settembru 2021.

12. Matul dawn il-proceduri quddiem din il-Qorti, kien hemm problema sabiex l-imputat jigi rintraccat, u sabiex jattendi l-Qorti, tant li fis-seduta tal-11 t'Ottubru 2023, din il-Qorti ordnat li l-imputat jibqa' taht arrest preventiv pendenti dawn il-proceduri, stante li evidentement ma kienx affidabbli li jidher il-Qorti meta msejjah biex jaghmel dan, u dan ai termini tal-Artikolu 397(5) tal-Kodici Kriminali, rez applikabbli ghal dawn il-proceduri bl-Artikolu 525(3) tal-Kodici Kriminali.

13. Fis-sentenza taghha tas-26 t'Ottubru 2011, il-Qorti tal-Appell Kriminali annullat is-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta tal-1 ta' Marzu 2011 ghar-ragunijiet fiha premessi, u ordnat li l-atti jigu rinvijati lil din il-Qorti, pero ghamlitha cara li *"L-appellat jitqieghed fl-istess posizzjoni li kien wara li rregistra l-ammissjoni tieghu."*.

14. L-imputat kien irregistra ammissjoni in kondizzjonata fis-seduta tal-24 ta' Jannar 2011. Pero minkejja din l-ammissjoni inkondizzjonata, fl-opinjoni konsiderata ta' din il-Qorti

mill-provi migbura jirrizulta li l-imputazzjoni numru disgha (9), u cioe dik ta' ricettazzjoni, hija alternattiva ghall-imputazzjonijiet l-ohra ta' serq, u konsegwentement se tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din l-imputazzjoni, minkejja l-ammissjoni tal-imputat. Ghaldaqstant, in vista tal-ammissjoni tieghu stess, din il-Qorti issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, hlief ghall-imputazzjoni numru disgha (9).

15. Fir-rigward tal-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-imputat huwa recidiv plurimu u l-fedina penali tieghu hija twila tmienja u ghoxrin (28) faccata fuq zewg nahat, bl-ewwel kundanna kienet fl-1993 u l-ahhar kundanna kienet fl-2021 fejn l-imputat instab hati ta' pussess semplici ta' droga. Mill-*pre-sentencing report* jirrizulta illi l-imputat kien residenti gewwa l-Facilita Korrettiva ta' Kordin wiehed u ghoxrin (21) darba.

16. In oltre l-imputat ma ikkoperax waqt il-kumpilazzjoni tal-*pre-sentencing report*, minkejja li dan gie ordnat *inter alia* fuq talba wkoll tad-difiza, u dan kif jirrizulta mid-diversi verbali f'dawn il-proceduri u mir-rapport tal-Ufficjal tal-Probation.

17. Fil-*pre-sentencing report* tieghu, l-Ufficjal tal-Probation jghid hekk:

*"<u>Konkluzjonijiet</u>*

*<u>Fatturi Identifikati</u>*

- *Abela spjega kif huwa beda jabbuza mid-droga ta' 27 sena. Jirrizulta illi Abela ghadu sal-gurnata tal-lum jabbuza mid-droga kokaina u eroina regolarment. Ghalkemm fl-intervista huwa jimminimizza l-problema, l-indikazzjonijiet huma illi l-vizzju tad-droga huwa wiehed akut. L-informazzjoni miksuba mit-tabib tad-Detox Dr Camilleri kif ukoll it-test tal-urina pozittiva ghas-sustanzi illeciti mehud mill-Agenzija ghas-Servizzi Korrettivi jkomplu jsahhu din l-indikazzjoni. Minn dan ir-rapport johrog car illi Abela m'ghandux il-motivazzjoni illi jindirizza dan l-aspett problematiku f'hajtu.*

- *Abela huwa disokkupat. Ir-rekords tal-Jobsplus juru kif l-ahhar xoghol regolarizzat tieghu kien fl-2002. Skont Abela, huwa jirregistra ghax-xoghol fil-*

*waqt illi jibbenefika mill-beneficcji tal-qaghad. Ghaldaqstant, jidher illi Ablea m'huwiex kapaci jkun finanzjarjament indipendenti.*

- *L-Ufficjal tal-Probation sottoskritt kien segwa lil Abela tul Ordni ta' Probation fl-2012. Madanakollu, l-imputat kien safa ddenunzjat hekk kif ma mexiex mal-kundizzjonijiet annessi ma' din l-Ordni. Bhala konsegwenza, huwa kien inghata sentenza ta' sentejn habs effettivi.*

*Pjan ta' Kura*

- *Fid-dawl tal-informazzjoni migbura, jirrizulta illi Abela ftit li xejn ghandu stabbilita u struttura f'hajtu. Hafna minn dan huwa dovut ghan-nuqqas ta' motivazzjoni illi huwa ghandu sabiex jindirizza l-vizzju akut tad-droga. Sabiex jaghmel dan, Abela m'ghandux triq ohra ghajr illi jibda u jittermina programm residenzjali bit-tama illi jirriabilita ruhu darba ghal dejjem mill-vizzju tad-droga.*

*Rakkomandazzjoni*

*Ghaldaqstant, sabiex il-pjan ta' kura jkun jista' jidhol fis-sehh, tenut kont illi Abela ma wera ebda motivazzjoni sabiex jindirizza l-aspett tal-abbuz mid-droga u wisq inqas il-fatt illi ma kkoperax waqt il-kumpilazzjoni ta' dan ir-rapport, fl-opinjoni umli tas-sottoskritt sentenza bbazata fil-komunita mhijiex wahda idonea f'dan il-kaz. Fic-cirkostanzi, qieghed jigi umilment issuggerit illi din il-Qorti tikkunsidra tinfliggа piena ta' sentenza karcerarja effettiva liema terminu taghha tippermettilu, jekk huwa jbiddel il-hsieb, jibda jsegwi programm residenzjali riabilitattiv minn gewwa l-habs."*

18. Din il-Qorti ma tara l-ebda raguni valida ghalfejn ghandha tiddipartixxi mill-konkluzjonijiet tal-Ufficjal tal-Probation. Jirrizulta ampjament li l-imputat ghandu problema ta' abbuz ta' sustanzi illeciti li ilha snin twal, u ma ghandu l-ebda motivazzjoni li jirriforma ruhu.

19. Fl-ikkalibrar tal-piena, il-Qorti ha tiehu in konsiderazzjoni li kif jirrizulta mix-xhieda ta' Helenio Galea, l-imputat diga skonta l-piena ta' (6) sitt xhur prigunerija imposta bis-sentenza tal-1 ta' Marzu 2011[1].

20. In oltre, in vista li parti bit-tul ta' dawn il-proceduri m'hijiex ghal ragunijiet imputabbli lill-imputat, il-Qorti tqis li jkun idoneu li l-piena tkun wahda li tqarreb lejn il-minimu, u ghall-istess raguni ma hi ser taghmel l-ebda zieda fil-piena minhabba li l-imputat instab hati li huwa recidiv.

21. Din il-Qorti ma tarax ghaliex ghandha timponi kundizzjoni li l-imputat jkun ordnat isegwi programm ghaliex temmen li sabiex dan il-programm ikun success din ghandha tkun triq li jghazel hu b'mod volontarju u determinat.

**Konkluzjoni**

1. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

    1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tad-disa' imputazzjoni;

    2. Wara li rat l-Artikoli 261(b)(c)(e)(f) u (g), 263, 264, 267, 269(g) 270, 271(g), 355AL(3) u (5), 20, 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 15(1)(a) u 15(1A) tal-Kapitolu 65 u l-Artikolu 3(1)u 3(2)(a) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha dedotti kontra tieghu, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundannah ghal piena ta' tlett (3) snin prigunerija li minnha ghandu jitnaqqas kull zmien li l-imputat ghamel il-habs in konnessjoni ma' dawn il-proceduri biss, inkluz iz-zmien li hu ghamel il-habs konsegwenza tas-sentenza ta' din il-Qorti, diversament preseduta, tal-1 ta' Marzu 2011.

[1] Ara fol. 111 tal-process.

3. Inoltre ai termini tal-Artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65 u l-Artikolu 3(2A) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan ghal zmien tnax (12)-il xahar mil-lum.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**